C/2024/3231

17.5.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11241 — EEX / NASDAQ POWER)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/3231)

1. Fit-3 ta' Mejju 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— European Energy Exchange AG ("EEX") (il-Ġermanja), ikkontrollata minn Deutsche Börse AG (il-Ġermanja),

— Nasdaq Power (USA), ikkontrollata minn Nasdaq, Inc. (USA).

EEX takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll tal-intier ta' Nasdaq Power.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

Il-konċentrazzjoni ġiet riferuta lill-Kummissjoni mill-Awtorità Daniża għall-Kompetizzjoni u l-Konsumaturi u l-Awtorità Finlandiża għall-Kompetizzjoni u l-Konsumatur skont l-Artikolu 22(3) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

Sussegwentment, il-pajjiżi li ġejjin ingħaqdu mar-riferiment:

— In-Norveġja,

— L-Iżvezja.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— EEX: tiżviluppa, topera u tgħaqqad is-swieq għall-prodotti tal-enerġija u tal-komoditajiet. B'mod partikolari, tipprovdi servizzi ta' negozjar u kklerjar għal diversi komoditajiet, inklużi komoditajiet tal-enerġija f'diversi Stati Membri bħall-Ġermanja, Franza, in-Netherlands, il-Lussemburgu, u n-Nordiċi (id-Danimarka, in-Norveġja, l-Iżvezja u l-Finlandja). Is-servizzi tal-ikklerjar tal-EEX huma pprovduti permezz tal-clearing house tagħha, European Commodity Clearing ("ECC"),

— Nasdaq Power: tinkludi ċerti partijiet min-negozju Ewropew tan-negozjar tal-komoditajiet ta' Nasdaq Inc., speċifikament għal servizzi li jiffaċilitaw in-negozjar u l-ikklerjar ta' derivattivi tal-enerġija Nordiċi, Franċiżi u Ġermaniżi kif ukoll Kwoti tal-Emissjonijiet tal-UE (l-ħekk imsejħa derivattivi tal-kwoti tal-karbonju tal-UE) u EPADs (Differenzjali taż-Żona tal-Prezzijiet tal-Elettriku).

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11241 — EEX / NASDAQ POWER

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË